# QORTI CIVILI PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

## IMHALLEF

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Seduta ta nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2000, fil-11.00 a.m.**

**NUMRU :**

**R. Kost.: 741/00 VDG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo et.)**

**v.**

**Aboussalam Sakalli**

Il-Qorti,

Rat l-Ordni ta' Referenza maghmul mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14 ta' April, 2000 li jghid hekk:

> *"Il-Qorti: Jidhrilha illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hija kwistjoni purament kostituzzjonali li ghalhekk skond is-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ghandha tkun deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), peress illi din il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-kwistjoni li tqajmet hija wahda semplicement frivola jew vessatorja.*
>
> *L-atti ghalhekk qeghdin jintbaghtu lil dik il-Qorti biex taghti direttivi ta' kif din il-Qorti ghandha tiddisponi mill-kwistjoni u dan peress illi l-proviso imsemmi fis-subartikolu 2 ta' l-istess Artikolu 46 ukoll jaqa' taht il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'sede Kostituzzjonali.*
>
> *L-appell jibqa' differit ghat-30 ta' Gunju, 2000."*;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' April, 2000, li permezz tieghu din il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-28 ta' April, 2000;

Semghet, fl-udjenza tat-28 ta' April, 2000, lill-Avukat Dott. Mario Scerri ghal Aboussalam Sakalli u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-Pulizija;

Ikkunsidrat:

1. Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun opportun, anke minhabba dak li ser jinghad aktar 'l quddiem, li jinghata fil-qosor l-isfond ta' din il-kawza. Fit-**28 ta' April, 1999** Aboussalam Sakalli tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) akkuzat bi ksur ta' l-Artkolu 11(2) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, u cioe` talli hadem f'Malta bla permess. Dan ir-reat igib piena massima ta' **sitt xhur** prigunerija (Art. 32, Kap. 217). F'dik l-istess gurnata li tressaq, Sakalli nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht garanzija sakemm tinstema' l-kawza. Gara, pero`, li peress li huwa kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-*bail*, hu gie riarrestat b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-**24 ta' Gunju, 1999**. Bil-ligi, ghalhekk, hu ma jistax jerga' jinghata l-beneficcju tal-helsiem mill-arrest f'dawn il-proceduri (Art. 581, Kap. 9) u anqas japplikaw ghalih it-termini ta' l-iskarcerazzjoni obbligatorja mill-arrest preventiv (Art. 575(10), Kap. 9). B'sentenza tas-**16 ta' Lulju, 1999** Sakalli instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, inghata *conditional discharge* ghal sitt xhur, u sar ordni ta' tnehhija minn dawn il-Gzejjer fil-konfront tieghu.

2. Sakalli appella permezz ta' rikors ta' appell datat 29 ta' Lulju, 1999. Fil-pendenza ta' l-appell hu, naturalment, baqa' arrestat minghajr il-possibilita` li johrog bil-plegg ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Fir-rikors ta' appell tieghu, u propjament permezz ta' l-ewwel aggravju f'dak ir-rikors, huwa jilmenta li quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hu ma nghatax smigh xieraq u li "dan sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39(6)(b) u (d) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(b) u (d)[1] tal-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea". Hu, bazikament, jikkontendi li ma nghatax l-opportunita' mill-ewwel qorti li jressaq il-provi in difesa tieghu. Hemm, imbghad, zewg aggravji ohra – wiehed fil-meritu u iehor dwar il-"piena".

3. Fl-ewwel udjenza (tat-12 ta' Novembru, 1999) quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali il-kwistjoni dibattuta mill-partijiet kienet dwar jekk, fid-dawl ta' l-ewwel aggravju, is-sentenza appellata kellhiex tigi mhassra u l-atti mibghuta lill-ewwel qorti sabiex tisma' l-kawza mill-gdid jew jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellhiex hi tisma' dawk il-provi, mressqa mill-appellant, li l-ewwel qorti ma kienitx semghet. Il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq dan il-"punt preliminari" ghall-14 ta' Jannar, 2000. Fl-14 ta' Jannar, 2000 l-avukat difensur ta' Sakalli talab differiment peress li kien jinsab indispost, u l-kawza thalliet, dejjem ghal sentenza parzjali, ghas-17 ta' Marzu, 2000. Mill-atti ma jirrisultax x'gara fis-17 ta' Marzu, 2000 peress li ma hemm ebda verbal ta' dik l-udjenza. Fl-14 ta' April, 2000 sar l-Ordni ta' Referenza aktar 'l fuq imsemmi.

4. Kif din il-Qorti diga fissret fid-digriet taghha tat-18 ta' April, 2000, l-Ordni ta' Referenza hu nieqes ghal kollox minn dak li jipprovdi li ghandi jkun fih ir-regolament 5(1) tar-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati.. In fatti dak l-Ordni ma fihx "b'mod konciz u car il-fatti u c-cirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinholoq, it-termini ta' dik il-kwistjoni", u anqas ma "jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma d-

[1] **<u>Recte</u>:** 6(3)(b) u (d).

disposizzjonijiet tal-Kostutuzzjoni li jkunu gew allegatament miksura"[2]. Minkejja dan, din il-Qorti ma jihrilhiex li ghandha toqghod tahli zmien tibghat l-atti lura lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex l-istess Ordni jigi korretement formulat, u dan minhabba l-fatt li nel frattemp tkompli tigi aggravata l-posizzjoni ta' Sakalli li jinsab detenut minghajr possibilita` ta' helsien taht garanzija. Mill-atti jidher li dak li wassal lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex taghmel l-Ordni ta' Referenza huma r-referenzi specifici fl-ewwel aggravju tal-appellant ghad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u l-allegazzjoni li dawn id-disposizzjonijiet gew miksura. Minkejja dawn ir-referenzi u din l-allegazzjoni, u bid-dovut rigward lejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, din il-Qorti hi tal-fehma li ma kien hemm ebda lok ghal Ordni ta' Referenza, ghax propjament ma kien hemm ebda "kwistjoni" fis-sens tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni (jew fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319). Biex ikun hemm tali "kwistjoni" irid ikun hemm, bhala minimu, vertenza bejn il-partijiet li ghas-soluzzjoni taghha wiehed ikun irid jirreferi ghal, u japplika il-, disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea. Mikejja r-referenza ghall-Kostituzzjoni u ghall-Konvenzjoni Ewropea, u minkejja l-allegazzjoni ta' ksur ta' xi disposizzjonijiet taghhom, fl-ewwel aggravju tal-appellant Sakalli, dak l-aggravju seta u kellu jigi determinat esklussivament a bazi ta' dak li jipprovdi r-rit ordinarju fil-kaz ta' kawzi kriminali, cioe` a bazi tal-procedura penali. Il-parti l-kbira tal-procedura penali, infatti, hi intiza propju biex tassigura smigh xieraq, specjalment tal-akkuzat jew imputat. Altrimenti, kull darba li quddiem il-Qrati tal-Magistrati (jew quddiem qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ta' prim' istanza) ma tigix osservata l-procedura penali, b'mod li jkun hemm nuqqas ta' smigh xieraq, ikun hemm awtomatikament "kwistjoni kostituzzjonali" minkejja r-rimedju ordinarju ta' l-appell (quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, komposta minn wiehed jew tlett imhallfin skond il-kaz). Anke li kieku l-partijiet insistew li kien hemm "kwistjoni kostituzzjonali" li kellha tigi riferita – f'dan il-kaz il-partijiet iddikjaraw, fl-udjenza tat-28 ta' April, 2000, propju l-oppost u cioe` li huma ma kienu qed iqajjmu ebda kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha tiddikjara t-tqanqil ta' tali kwistjoni bhala frivola peress li kien hemm ir-rimedju ordinarju tal-appell (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-30 ta' Settembru, 1994, App. Nru. 159/94 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Kristinu Giordimaina***).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tipprovdi dwar l-Ordni ta' Referenza aktar 'l fuq imsemmi billi:

(i) tiddikjara li l-ewwel aggravju ta' l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu tad-29 ta' Lulju, 1999 ma fih ebda "kwistjoni purament kostituzzjonali" u anqas ma fih xi kwistjoni li kienet tinnecessita referenza skond l-Artikolu 46(3) tal-Kostutizzjoni jew skond l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319; u

(ii) konsegwentement tibghat l-atti ta' l-appell kriminali 209/99 G lura lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi dwar l-istess appell skond il-ligi.

[2] Ir-regola 5(1) imsemmija tapplika wkoll meta jsir Ordni ta' Referenza skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 – ara s-subartikolu (6) tal-imsemmi Artikolu 4.